SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 02/KA2/14

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 05/08/14** **43**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 05/08/14** **53**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 19/11/'13** **04**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 5 t'Awwissu 2014

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio
Il-Membru Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Assenti: Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.06 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-30 ta' Lulju 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2014
4. Aġġornament dwar it-*Traffic Management* ta' Triq Dragunara
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 01/KA2/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Membru Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

1.3.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| P239 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar il-Kumitat Amministrattiv. |
| P300 | Talba għal stand ta' l-ikel fi Triq id-Dragunara nhar il-Ħadd 7 u t-Tnejn 8 ta' Settembru 2014. |
| KA0089, P223 & P225 | Korrispondenza rigward estensjoni ta' bankina fi Triq Wilġa k/m Triq Ball. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P300

2.02 B'riferenza għat-talba għal stand ta' l-ikel fi Triq Dragunara nhar il-Ħadd 7 u t-Tnejn 8 ta' Settembru 2014, ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni li jinħareġ il-

permess skont il-Leġislatura Sussidjarja 441.04 dment li jkollu l-permessi kollha meħtieġa nkluż tal-Pulizija u s-Sanita', u li l-post jitħalla nadif wara l-attivita'.

**3 Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2014**

3.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2014 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport.

3.03 Il-Membru Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2014.

3.04 Iċ-Ċermen issekondah.

3.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

3.06 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kumitat li:-

a) Il-Kunsill qed jipprovdi s-servizz addizzjonali ta' ġbir ta' skart domestiku, tal-borża s-sewda, nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa għal sena mit-8 ta' Lulju 2014 sas-7 ta' Lulju 2015. Dawn il-fondi ġew approvati mir-Reġjun Ċentru.

b) Il-Kunsill għamel talba lir-Reġjun Ċentru biex jiġu approvati fondi sabiex tiġi rranġata l-parti fl-inħawi tal-*Wembley Garage* fi Triq San Ġorġ.

**4 Aġġornament dwar it-*Traffic Management* ta' Triq Dragunara**

4.01 Saret riferenza għal-laqgħa mat-Transport Malta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Lulju 2014. F'din il-laqgħa ġie diskuss li jkun hemm ħruġ ieħor minn Paceville; jiġifieri jkun hemm ħruġ minn Triq il-Knisja u Triq Dragunara.

4.02 Waqt din il-laqgħa ġie ssuġġerit ukoll li:-

a) l-bankina ta' Triq San Ġorġ faċċata tal-*Wembley Garage*, fejn hemm il-*Bus Stop*, tiċċekken mill-wisa' biex il-vetturi tat-trasport pubbliku ma jibqgħux joħolqu konġestjoni tat-traffiku. Alternattiva oħra kienet li dan il-

*Bus Stop* jitneħħa minn fejn qiegħed u minflok isiru *parking spaces*. Filwaqt li jitneħħew il-*parking spaces* li hemm ħdejn il-Melita Pharmacy u minflok isir il-*Bus Stop*.

b) Reġgħet inġibdet l-attenzjoni ta' l-Awtorita' li l-*Bus Stop* ta' Triq San Ġorġ li hemm ħdejn il-Millenium Kebab huwa għal *Alighting only*.

**5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Il-Membru Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 301 sa nru. 306 u ppropponihom (Ara Appendiċi 'C').

6.02 Fir-rigward PRS Nru. 302 ġie deċiż li jiġi vverifikat il-post.

6.03 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.05 Il-Kumitat ġie nfurmat li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Erbgħa 24 ta' Settembru 2014 fis-2.00p.m.

6.06 Il-laqgħa ntemmet fit-2.55 p.m.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**